L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA

### A1. Il-qari

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

### Dan id-daqsxejn ta' pajjiżna

Malta mhix kontinent. Ftit mili mill-Belt sal-Marfa. B'danakollu nżommuha nadifa? Għandna fina dak il-gost li nitgħaxxqu li naraw kollox f'postu? (par. 1)

Kieku rridu, pajjiżna jista' jkun qisu l-ġenna tal-art. Għandu klima mill-isbaħ, sema ikħal, baħar jgħannqu. Għandu storja glorjuża li għamlet minn kull ġebla tiegħu monument. Avolja żgħir u maqtugħ minn artijiet oħra qiegħed fuq waħda mit-triqat prinċipali tad-dinja. Kieku jaħasra nimpikaw u nistinkaw u nirsistu, nistgħu nagħmluh nadif, isbaħ, b'iktar siġar, b'iktar ordni, b'edukazzjoni aħjar. (par. 2)

Aħna ftit naħsbu għall-pajjiż bħala pajjiż. Ftit nafu nirraġunaw f'termini nazzjonali. Drajna wisq naħsbu fir-raħal u fil-parroċċa. Veru illi Malta mhix ħaġa oħra ħlief Ħal Qormi u Birkirkara u l-Isla u l-Furjana u l-Belt u l-irħula kollha flimkien, imma waqt li kull raħal għandu l-bżonnijiet tiegħu, Malta, bħala Malta, għandha l-bżonnijiet tagħha. Għandha l-fama u l-unur tagħha. Għandha ħafna ħwejjeġ li ma huma ta' ħadd u huma ta' kulħadd. Dak hu n-nazzjon. Dik hi l-bandiera. (par. 3)

Aħna li aħna parruċċani u raħħala tajba, ma aħniex Maltin tajba. Għadna ma żviluppajniex fina s-sens nazzjonali biżżejjed. Għadna ma nħossux il-bżonn, dik il-għira u dik in-namra, li nagħmlu minn pajjiżna ġenna tal-art. Aħna nimpikaw mat-tim tal-post tagħna, inżejnu l-knejjes tagħna, irridu nisparaw murtali iktar minn qrabatna, konna noqtlu għall-banda tar-raħal, iżda ftit jew xejn jimpurtana minn kif Malta, bħala Malta, tista' tmur 'il quddiem. Hemm ġonna li huma ta' kulħadd, hemm triqat, hemm monumenti jew nuqqas ta' monumenti, li huma tal-pajjiż, hemm snajja' li huma patrimonju nazzjonali li qegħdin jintilfu, hemm unur u fama li huma nazzjonali u li l-emigranti tagħna qegħdin jieħdu magħhom mhux dejjem b'ġid ta' isimna. (par. 4)

Għaliex dan il-poplu ma jimpurtahx mill-istorja tiegħu? Għaliex ftit jagħti kas tal-problemi nazzjonali? Għaliex ma nirsistux biex pajjiżna jkun pajjiż nadif bħall-Iżvizzera? Irridu wisq biex dawn il-ftit mili tagħna jkunu ndaf tazza u ordnati? (par. 5)

*(Adattata minn "Dan id-daqsxejn ta' pajjiżna" ta' Herbert Ganado, Jien inħobb nitkellem magħkom, Vol. 2, 1985.)*

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. Bħala pajjiż, Malta għandha kollox u ma jonqosha xejn.
   b. Jeħtieġ li naħdmu kemm għall-ġid tal-lokalitajiet Maltin kif ukoll għall-pajjiż innifsu.
   ċ. Jekk naħdmu għal Malta bħala pajjiż, ma jkollniex għalfejn naħdmu għall-bliet u l-irħula.
   d. Huwa biżżejjed li nieħdu ħsieb il-bliet u l-irħula biex naħdmu għal Malta bħala pajjiż.

2. Qassar is-silta li għadek kemm qrajt f'paragrafu **WIEĦED** ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5)

3. Taqbel mal-istqarrija ta' Ganado li l-poplu Malti "ftit jagħti kas tal-problemi nazzjonali" (par. 5)? Għaliex? (3)

## A2. Il-kitba prattika

Immaġina li inti parti mit-tim ta' *Bajja23*. F'kitba ta' **bejn 100 u 150 kelma** ikteb rapport dwar l-aktar attività riċenti ta' din l-organizzazzjoni, li fiha għadd ta' żgħażagħ daru bajjiet differenti bit-tir li jnaddfuhom. Ir-rapport għandu jinkiteb fit-tielet persuna fil-perfett.

(10)

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Wieħed mill-modi prinċipali kif nagħrfu bejn komunità u oħra, jew poplu u ieħor, huwa l-lingwa. F'kitba ta' **bejn 80 u 100 kelma** kkummenta dwar ir-rabta li hemm bejn il-lingwa u l-identità. (6)

2. Sabiex wasalna għal-lingwa li nitkellmu llum il-ġurnata, il-Malti kellu jiġi f'kuntatt ma' ilsna differenti li ħallew il-marka tagħhom fuqu, fost l-oħrajn fil-lessiku. F'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** ddiskuti l-mixja storika tal-ilsien Malti b'referenza għal-lessiku li l-Malti ħa minn ilsna differenti. Agħti eżempji xierqa biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek. (15)

**(Total: 21 marka)**

## TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Skont Maria Grech Ganado, Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna* "tirrappreżenta lin-nisa Maltin f'kulma tikteb", anki "għax ix-xbihat tagħha għandhom is-saħħa ta' xbihat marbutin mal-kultura Maltija – il-baħar, ir-riħ, is-sajf, il-ġewlaq, l-immigranti klandestini." Iddiskuti.

**JEW**

2. F'numru ta' poeżiji fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea tuża x-xbieha tal-ġisem biex tirrakkonta lilha nnifisha. Iddiskuti kif tippreżenta x-xbieha tal-ġisem li jgħaddi minn tbatija u x-xbieha tal-ġisem imjassar, minn raġel jew mis-soċjetà, fost l-oħrajn.

**(Total: 22 marka)**

**TAQSIMA D: Il-PROŻA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. L-ambizzjoni, l-għira u l-biża' huma fost l-iktar sentimenti li jinħassu fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici. Iddiskutihom billi tirreferi għal episodji mir-rumanz biex issaħħaħ l-analiżi tiegħek.

**JEW**

2. Iddiskuti l-ambigwità fil-karattru ta' Madliena fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici.

**(Total: 22 marka)**